# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 922/23/1 HM**

**Daniela Wörz debitament rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-avv. Sarah Sultana (K.I. 12581M)**

**v.**

**Mr Green Limited (C-43260)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-Avukata Sarah Sultana f'isem Daniela Wörz kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Jannar, 2024, li permezz tiegħu ħassret il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1389/2023.

**Daħla**

2. B’rikors tat-18 ta’ Awwissu, 2023, il-kumpanija Mr Green Limited fissret li b’digriet tad-19 ta’ Lulju, 2023 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet talba ta’ Daniela Wörz sabiex jinħareġ mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 1096/2023 fuq is-saħħa tas-sentenza ***Daniela Wörz v. Mr Green Limited*** deċiża fl-24 ta’ Ottubru, 2022 mill-*Eisenstadt Regional Court* ġewwa l-Awstrija u kkonfermata mill-*Vienna Higher Regional Court* fit-30 ta’ Diċembru, 2022.

3. Mr Green Limited tkompli tgħid li Daniela Wörz kienet talbet lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tħassar dan id-digriet tagħha *contrario imperio*, iżda din it-talba tagħha ġiet miċħuda b’digriet tas-26 ta’ Lulju, 2023.

4. Wara dan l-aħħar digriet, Daniela Wörz reġgħet ressqet talba ġdida fit-3 ta’ Awwissu, 2023 sabiex jinħarġilha l-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv, dejjem minħabba l-istess sentenzi mogħtija fl-Awstrija. Din id-darba però din it-talba tagħha ġiet milqugħa b’digriet mogħti fl-4 ta’ Awwissu, 2023.

5. Mr Green Limited tisħaq li Daniela Wörz u l-mandatarja tagħha l-Avukata Sarah Sultana mxew b’mod żleali u abbużiv meta reġgħu ressqu

talba ġdida quddiem Imħallef differenti sabiex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, bla ma taw ħjiel tal-fatt li dik l-istess talba kienet ġa ġiet miċħuda minn Imħallef ieħor.

6. Minħabba f'hekk, Mr Green Limited talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tordna proviżorjament illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1389/2023 bil-konsegwenza li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jiġi deċiż ir-rikors odjern, u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;*
>
> *ii. Tordna contrario imperio, ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tħassir għalkollox tal-att eżekuttiv odjern ossia l-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv bin-numru 1389/2023 fl-ismijiet Daniela Wörz [Passport Awstrijakk Numru U3330470] debitament Rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-Avv. Dr Sarah Sultana (K.I. 0012581) v. Mr Geen Limited (C43260), u l-ħruġ tal-kontromandati u notifiki opportuni skont il-liġi;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranta nomine.»*

7. B'digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti bi żmien sebat ijiem għat-tweġiba u ffissat smigħ għal 5 ta' Settembru, 2023.

8. Is-smigħ tal-5 ta' Settembru, 2023 ġie differit għas-26 ta' Settembru, 2023 minħabba li r-rikors kien għadu ma ġiex notifikat lil Daniela Wörz jew lill-mandatarja tagħha l-Avukata Sarah Sultana.

9. Fis-smigħ tas-26 ta' Settembru, 2023 l-Avukata Sarah Sultana

laqgħet in-notifika tar-rikors u b'hekk ir-rikors tħalla għat-12 ta' Ottubru, 2023.

10. Fit-3 ta' Ottubru, 2023, l-Avukata Sarah Sultana f'isem Daniela Wörz ippreżentat ir-risposta tagħha għar-rikors ta' Mr Green Limited. Għalkemm f'din it-tweġiba l-Avukata Sultana *nomine* semmiet ħafna raġunijiet għaliex fil-fehma tagħha r-rikors ta' Mr Green Limited għandu jiġi miċħud, hija però ma qalitx li l-proċedura kienet nulla minħabba li din ma ntemmitx fi żmien xahar kif imsemmi fl-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Jirriżulta li meta saret din ir-risposta fit-3 ta' Ottubru, 2023 kien ġa qabeż xahar minn meta Mr Green Limited kienet ippreżentat ir-rikors fit-18 ta' Awwissu, 2023.

11. Eventwalment is-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2023 ġiet differita għat-8 ta' Novembru, 2023 minħabba li l-Imħallef Anna Felice ddikjarat li hija kienet ġiet infurmatha li dan ir-rikors, flimkien ma' numru ta' kawżi oħra, kienu sejrin jiġu assenjati lill-Imħallef ieħor. Fil-fatt b'ordni mogħtija mill-Prim Imħallef fit-2 ta' Novembru, 2023, dan ir-rikors ġie assenjat lill-Imħallef Henri Mizzi.

12. B'ordni tat-8 ta' Novembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddifferiet ir-rikors għat-12 ta' Diċembru, 2023. Dakinhar tat-12 ta' Diċembru, 2023 ma deher ħadd u għalhekk ir-rikors tħalla għall-15 ta'

Diċembru, 2023.

13. Wara li nżammet seduta fil-15 ta' Diċembru, 2023, l-Ewwel Qorti ħalliet ir-rikors għat-8 ta' Jannar, 2024, f'liema data tat dan id-digriet finali, li minnu sar l-appell tal-lum:

> *«Is-sekwestanti għandha sentenza finali kontra s-sekwestrata mill-qrati tal-Awstrija. Trid li tiġi rikonoxxuta u enforzata f'Malta skont ir-Regolament (UE) 1215/2012. Għalhekk talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, talba li ġġib in-numru 1096/2023. It-talba tagħha ġiet miċħuda, għal darba darbtejn.*
>
> *Is-sekwestanti qieset din iċ-ċaħda mhux biss żbaljata imma, in effett, qisha ma teżistix, tant li, mingħajr ebda referenza għaliha, ressqet rikors ieħor għal mandat eżekuttiv, in effett identiku u bbażat fuq l-istess sentenza bħal dak imsemmi hawn fuq. It-tieni rikors iġib in-numru 1389/2023. Ġie quddiem ġudikant differenti, u ntlaqa'. Ir-rikors f'dawn il-proċeduri hu wieħed bħal diversi oħrajn ġa deċiżi minn din il-qorti – preseduta minn imħallfin oħra f'ċirkostanzi sostantivament simili – fejn dak li ntalab (effettivament u finalment) hu li l-mandat eżekuttiv li nħareġ jitħassar, u dan bis-saħħa li tagħti l-liġi permezz tal-art. 281 tal-Kap. 12.*
>
> *Il-qorti taqbel mad-deċiżjonijiet ġa mogħtija, magħrufa sew lill-partijiet u li hemm referenza għalihom fl-atti, u tagħmilhom tagħha. Il-qorti żżid biss li s-sekwestranti ma setgħet qatt taġixxi qisu l-ewwel rikors tagħha għal mandat eżekuttiv ma ġiex miċħud, anki jekk għandha raġun fil-mertu tal-argumenti tagħha f'dak ir-rigward (kwistjoni li din il-qorti ma tistax tidħol fiha hawn). Tagħmel jew ma tagħmilx stat, dik id-deċiżjoni hemm qiegħda u trid tiġi rispettata sakemm tibqa' fis-seħħ. Is-sekwestranti kellha għalhekk tara x'rimedju għandha f'dak ir-rigward u teżerċitah, biex, jekk għandha raġun, dik iċ-ċaħda tiġi mibdula f'mandat milqugħ. Fi [kliem ieħor] kellha titlob reviżjoni tad-deċiżjoni li minnha tilmenta skont il-proċedura applikabbli. Dan neċessarjament jinvolvi li l-qorti kellha tiġi nfurmata b'dak li kien seħħ sa dakinhar – f'dak li hu proċess wieħed biex tiġi rikonoxxuta u enforzata sentenza – u tintalab biex tirrevedi d-deċiżjoni.*
>
> *Dak li għamlet is-sekwestanti kien li żvijat – biex ma jingħadx ingannat – lill-qorti li quddiemha ġie t-tieni rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv, billi tatha x'tifhem li dan kien proċess ġdid għall-ħruġ ta' tali mandat. L-argument li dan l-aġir mhux espressament projbit mill-liġi u li hu ġustifikat għaliex l-ewwel ċaħda ma tikkostitwix res judicata ma hu xejn għajr sofiżmu. Il-liġi ma tgħidx, u ma tipprevedix, kollox mhux biss għaliex dan hu impossibbli, imma wkoll għaliex, bħal f'dan il-każ,*

*tippreżumi li parti li tersaq quddiem il-qrati għal rimedju timxi bil-loġika proċedurali bażilari, u mhux tittenta tippervertiha. Dan ifisser li la darba, fiċ-ċirkostanzi kif żviluppaw, is-sekwestranti ma setgħetx titlob mandat eżekuttiv ħlief billi tittenta taqleb iċ-ċaħda tal-ewwel rikors tagħha (dak bin-numru 1096/2023), allura l-mandat inkwistjoni ġie miksub ħażin; u dan ċertament ifisser, kif irid l-art. 281 tal-Kap. 12, li hemm raġuni valida skont il-liġi biex jitħassar.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba, il-qorti tilqa' t-tieni talba fir-rikors 922/2023, tordna t-tħassir tal-mandat eżekuttiv 1389/2023, u l-ħruġ tal-kontromandat relattiv.*

*Spejjeż għas-sekwestranti.»*

14. Fil-15 ta' Jannar, 2024, l-Avukata Sarah Sultana f'isem Daniela Wörz ressqet dan l-appell sabiex jiġi mħassar dan id-digriet. B'kollox ġew imressqa seba' aggravji, bl-ewwel aggravju jkun li d-digriet appellat huwa null għaliex dan ingħata wara t-terminu ta' xahar imsemmi fl-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

15. Mr Green Limited wieġbet għal dan l-appell fit-30 ta' Jannar, 2024 fejn spjegat għaliex dan ma jistħoqqlux illi jintlaqa'.

16. Fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2024 l-Avukata Sarah Sultana f'isem Daniela Wörz iddikjarat li hija kienet qiegħda tirtira mit-tieni sas-seba' aggravju tagħha, u li għalhekk kienet qiegħda żżomm biss mal-ewwel aggravju dwar in-nullità tad-digriet appellat minħabba li dan ma ngħatax fi żmien xahar kif titlob il-liġi.

17. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2024 fejn l-

avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet kollha tagħhom dwar dan l-ewwel aggravju u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Kif imfisser fid-daħla ta' din id-deċiżjoni, l-unika ħaġa li din il-Qorti qiegħda tintalab illi tiddeċiedi f'dan l-appell hija biss jekk jiswiex id-digriet li l-Ewwel Qorti tat fit-8 ta' Jannar, 2024, minħabba li dan ingħata wara ż-żmien ta' xahar imsemmi fl-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

19. Sa fejn rilevanti dan l-**Artikolu 281** jaqra hekk:

> *«**281**. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għalkollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*
>
> *(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:*
>
> *Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*
>
> ***<u>(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata</u>***.»

20. Fl-aggravju tagħha, l-Avukata Sarah Sultana *nomine* saħqet li d-digriet appellat tat-8 ta' Jannar, 2024 ingħata ferm wara x-xahar indikat fil-liġi u għalhekk dan għandu jiġi ddikjarat bħala wieħed null. Targumenta li l-Ewwel Qorti kien taf li dan it-terminu ta' xahar kien inqabeż għaliex dan il-fatt ġie miġbud għall-attenzjoni tagħha waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2023. Għalhekk ittenni li d-digriet appellat għandu jiġi ddikjarat bħala null għaliex ma ngħatax fiż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

21. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li d-digriet tat-8 ta' Jannar, 2024, ma ngħatax fi żmien xahar mill-jum tal-preżentata tar-rikors minn Mr Green Limited. Fil-fatt ir-rikors ta' Mr Green Limited ġie ppreżentat fit-18 ta' Awwissu, 2023 u d-digriet appellat ingħata fit-8 ta' Jannar, 2024, jiġifieri aktar minn erba' xhur wara.

22. B'daqshekk però, fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li d-digriet appellat huwa null, hekk kif issostni l-Avukata Sarah Sultana *nomine*. Għar-raġunijiet li sejrin jissemmew hawn taħt, din il-Qorti ma tħossx li tkun qiegħda tagħmel ħaqq u tamministra kif imiss il-ġustizzja, li kieku kellha tilqa' l-istedina tal-Avukata Sultana *nomine* biex tħassar id-digriet appellat minħabba l-fatt biss li dan ma ngħatax fi żmien xahar.

23. Illi l-ewwel raġuni għalfejn id-digriet m'għandux jitħassar hija li

mhuwiex tort ta' Mr Green Limited li l-Ewwel Qorti ma tatx id-digriet finali tagħha fi żmien xahar kif irid l-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Tassew is-sanzjoni tan-nullità tixħet responsabbiltà fuq Mr Green Limited li m'għandhiex u li lanqas kienet f'qagħda li tikkontrolla. Strettament, dan l-aggravju tan-nullità tad-digriet huwa mmirat lejn il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ħarsitx it-terminu taż-żmien mogħti mil-liġi minħabba li r-rikors ma ġiex notifikat mill-ewwel lill-Avukata Sarah Sultana *nomine,* minħabba li kien hemm bdil fl-Imħallef u minħabba l-eżiġenzi tat-tmexxija tal-kawżi li kellha tisma'. Ta' dan kollu Mr Green Limited ma kienet taħti xejn u din il-Qorti ma tistax b'kuxjenza safja taċċetta li d-digriet tal-Ewwel Qorti għandu jiġi annullat minħabba xi ħaġa li Mr Green Limited m'għamlitx u li ma seta' qatt jiġi kontrollat minnha.

24. Joqgħod hawnhekk il-prinċipju Latin: *in omnibus quidem, maxime tamen in iure, aequitas spectanda sit*, li maqlub għall-Malti jfisser li fil-kwistjonijiet kollha, iżda l-aktar fi kwistjonijiet ta' dritt, wieħed mistenni li jimxi bl-ekwità (ara f'dan is-sens ***Nazzareno Abela v. Kummissarju tal-Pulizija*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru, 2003, fejn ingħad li mhux sew li proċeduri ċivili għat-tneħħija ta' konfiska minn fuq ġid għandhom jiġi mwaqqfa u ma jitkomplewx għar-raġuni biss li l-Qorti naqset milli tqiegħed ir-rikors għas-smigħ fi żmien li mhuwiex aktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors kif irid l-**Artikolu**

**22C(4)** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**).

25. B'dan li għadu kemm ingħad, din il-Qorti ma trid bl-ebda mod tagħti 'l wieħed x'jifhem, li t-termini fil-liġi qegħdin hemmhekk għalxejn jew li dawn jistgħu jitwarrbu bla xkiel. Il-qofol kollu huwa li daqskemm parti m'għandhiex tiġi preġudikata minħabba l-fatt li qorti ma tkunx żammet mat-termini msemmija fil-liġi, daqstant ieħor il-parti l-oħra m'għandhiex titħalla tieħu vantaġġ fuq l-avversarju tagħha għar-raġuni biss li l-qorti ma tkunx ħarset mat-termini proċedurali.

26. Raġuni oħra għaliex dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' hija li għalkemm l-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jimponi fuq l-Ewwel Qorti terminu ta' xahar mid-data tal-preżentata tar-rikors biex dan jiġi deċiż, b'danakollu l-liġi mkien ma tgħid li proċedura li ma tħarisx dan it-terminu tiġi ma tiswiex. Lanqas ma tgħid li l-Qorti għandha tastjeni u tieqaf milli tkompli tqis aktar ir-rikors minħabba li jkun għadda x-xahar.

27. Din il-Qorti taqbel hawnhekk ma' dak li kien ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha ***Annette Meier v. Speranza Gatt et*** tas-26 ta' Settembru, 2019, *viz*. li għalkemm it-termini legali huma ta' ordni pubbliku, madankollu billi tastjeni milli tqis it-talba għaliex ikun għadda t-terminu ta' xahar imsemmi fl-**Artikolu 281(3) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti tkun qiegħda tfarfar minn fuqha obbligu ieħor tagħha ta' ordni pubbliku, li huwa dak li tindirizza talbiet li jkunu tressqu quddiemha u li taqtagħhom. Tassew bl-astensjoni, ħadd ma jieħu xejn u dan inissel biss proċeduri oħrajn u nfiq ta' spejjeż żejda bi proċeduri mtennija.

28. B'żieda ma' dan, għalkemm l-Avukata Sarah Sultana *nomine* qiegħda tinsisti li d-digriet appellat huwa wieħed null, hija naqset milli torbot din l-allegata nullità ma' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

29. Terġa' u tgħid, għalkemm l-Avukata Sarah Sultana *nomine* tgħid fl-appell tagħha li hija qajmet din il-kwistjoni tax-xahar quddiem l-Ewwel Qorti fis-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2023, madankollu hija ma qajmitx din il-kwistjoni tan-nullità tal-proċeduri minħabba l-mogħdija tax-xahar fir-risposta tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2023.

30. Kif ingħad aktar kmieni fid-daħla, meta saret din ir-risposta kien ġa qabeż xahar minn meta Mr Green Limited kienet ippreżentat ir-rikors fit-18 ta' Awwissu, 2023. Għalhekk jekk l-Avukata Sarah Sultana *nomine* kellha problema bit-terminu ta' xahar hija messha qajmitha fir-risposta tagħha.

31. Mhux ta' fejda s-sottomissjoni tagħha li hija qanqlet dan il-punt fis-smigħ orali tal-15 ta' Diċembru, 2023. Dan għaliex, apparti l-fatt li mill-verbal ta' din is-seduta ma jirriżultax imniżżel li tabilħaqq kien tqajjem dan il-punt, xorta jibqa' l-fatt li bil-liġi skont l-**Artikolu 281(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-Avukata Sarah Sultana *nomine* kellha tressaq is-sottomissjonijiet kollha tagħha fir-risposta. U billi din l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ħarsien tat-terminu ta' xahar ma tressqitx fir-risposta tagħha, allura l-Avukata Sarah Sultana *nomine* ma tistax tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tidħol fiha fid-digriet finali tagħha. Wara kollox skont l-**Artikolu 789(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, eċċezzjoni ta' nullità minħabba vjolazzjoni tal-forma meħtieġa tal-liġi ma tistax tingħata meta l-parti li tkun taf biha, tkun ressqet tweġiba mingħajr ma qanqlet dik in-nullità.

32. Sfiq ma' dan, l-Avukata Sarah Sultana *nomine* lanqas ma indikat xi ħsara setgħet ġarrbet minħabba l-fatt biss li l-Ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors wara li kien ġa għadda x-xahar imsemmi fil-liġi. Ma ninsewx hawnhekk li hija massima legali, *qui iure suo utitur neminem laedit*, li bil-Malti jfisser: li min jinqeda bi dritt tiegħu, dan jitqies li ma jagħmel ħsara lil ħadd. Tassew f'dan il-każ Mr Green Limited kellha jedd mogħti lilha bil-liġi li tressaq azzjoni taħt l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili** sabiex titlob it-tħassir ta' mandat eżekuttiv u għalhekk dan inissel fiha d-dritt li tinsisti għad-determinazzjoni ta' dak il-jedd u għal

smigħ xieraq dwaru. L-Avukata Sarah Sultana *nomine* għalhekk ma tistax tgħid li hija ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju għaliex l-Ewwel Qorti kompliet biex iddeċidiet ir-rikors wara li kien laħaq skorra t-terminu ta' xahar.

33. Fl-aħħar nett, din il-Qorti qiegħda tqis ukoll li skont l-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili**, fi stadju ta' appell ma tistax tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, jekk dik is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha. Dan sakemm dik l-eċċezzjoni ta' nullità ma tkunx ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq. Bil-proċess ta' analoġija, din il-Qorti temmen li din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tapplika wkoll għal digrieti.

34. Sewwasew fil-każ tagħna, l-eċċezzjoni tan-nullità tad-digriet appellat ma ġietx imsejsa fuq waħda minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili**, fejn l-eċċezzjoni tan-nullità tista' titqajjem anki meta d-deċiżjoni appellata tkun waħda sostanzjalment ġusta.

35. Jirriżulta wkoll li l-Avukata Sarah Sultana *nomine* rrinunzjat għall-

aggravji kollha fejn fihom hija kienet qiegħda tikkontesta r-raġunament mogħti mill-Ewwel Qorti li bihom laqgħet ir-rikors ta' Mr Green Limited u żammet ħaj biss l-aggravju dwar in-nuqqas ta' ħarsien tat-terminu ta' xahar.

36. Billi għalhekk m'għandhiex aktar quddiemha aggravji dwar is-siwi sostantiv tad-digriet appellat, din il-Qorti qiegħda tinterpreta l-imġiba tal-Avukata Sarah Sultana *nomine* bħala li jfisser li hija m'għadhiex aktar tinsisti li l-Ewwel Qorti rraġunat ħażin meta laqgħet ir-rikors ta' Mr Green Limited biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

37. Jiġi b'hekk, li fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-Avukata Sarah Sultana *nomine* lejn il-korrettezza sostanzjali tad-digriet appellat, din il-Qorti xorta waħda bit-tħaddim tal-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili** ma tistax taċċetta l-eċċezzjoni tan-nullità tad-digriet appellat minħabba r-raġuni biss li l-Ewwel Qorti naqset milli tħares il-ħtieġa formali u proċedurali li tiddeċiedi r-rikors ta' Mr Green Limited fi żmien xahar.

38. Tħares minn fejn tħares għalhekk l-aggravju tal-Avukata Sarah Sultana *nomine* ma jista' jintlaqa' qatt.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell imressaq minn Daniela Wörz kif rappreżentata mill-Avukata Sarah Sultana.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu minn Daniela Wörz jew mill-Avukata Sarah Sultana skont l-**Artikolu 1005 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da